MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1119/2005

**APS Bank Limited (C-2192)**
**vs**
**Christian John Calleja (ID152772M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tmien liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm308.69), dovuti bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 12739430021 (Dok.A) u dana oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2004.**
**Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas din is-somma izda baqa' inadempjenti.**
**Ghaldaqstnt il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' tlett mija u tmien liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm308.69) kif ukoll l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv u l-**

**ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri kontra l-konvenut mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-30 ta' Settembru, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tmien liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm308.69) bl-imghaxijiet legali ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------